MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2013

Numru. 892/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Magro)**

**vs**

**Melvin Agius**
**Natasha Zahra**

**Kumpilazzjoni Nru: 892/2013**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Melvin Agius** ta’ 30 sena, iben Vince u Josephine Borg, imwieled Pieta, nhar il-31 ta’ Marzu, 1983, u residenti Race Flats 6/2, Triq l-Isptar Navali, Kalkara, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 200583 (M) u

**Natasha Zahra** ta' 26 sena, bint Manuel u Josephine Tabone, imwielda Pieta', nhar id-9 ta' Novembru, 1986 u Residual block, Flat 2, Triq Wigi Rosato, Bormla, u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 513286 (M).

Akkuzati talli nhar il-15 ta' Settembru, 2013 ghal habta tal-16:50hrs gewwa l-ajruport internazzjonali ta' Malta, ikkommetew serq ta' handbag li kien fih flus kontanti u 2 mobile phones li huma Samsung Galaxy u Iphone 4S li l-valur taghhom huwa ta' mhux anqas minn €500 u li ma jaqbizx l-€2529.87 ghad-dannu ta' Glendon Wayne Anderson u martu Louise Folley liema serq huwa kkalifikat bil-valur bi ksur tal-artikolu 279(a) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehduda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jew dan dar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex jbieghhom jew jmexxihom bi ksur tal-artikolu 334 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici ta' Malta.

Rat l-artikoli 261(c), 267 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati ammettew l-ewwel imputazzjoni u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat li l-ufficjal prosekutur iddikjara li t-tieni imputazzjoni dwar ricettazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghall-imputazzjoni dwar serq.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena,

Rat d-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-ewwel imputazzjoni dwar serq; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni dwar ricettazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghal dik dwar serq li giet ammessa; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstabu hatja l-imputati, kif ukoll l-koperazzjoni ta'l-imputati mal-pulizija l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali taghhom li hija netta. Hadet in konsiderazzjoni  ukoll ti-fatt li l-imputati rritornaw l-oggetti u l-flus misruqa, u minn jeddhom (seduta stante) hallus lill-parte leza somma flus ekwivalenti ghad-danni li huwa soffra bhala konsegwenza ta' dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni wara li rat l-artikoli l-artikoli 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-impujtati hatja ta'l-ewwel imputazzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jghamlux reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegta lill-imputati l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------